MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2192/2002

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Joe Tonna u Joe Fenech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-Awtorita' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,025.47c (elf u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu) rapprezentanti l-ispejjez tal-MEPA biex tesegwixxi l-*Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq* mahrug mill-istess MEPA kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuti jghidu li m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Il-konvenuti jghidu wkoll li kienu tkellmu ma' l-Enforcement Officer inkarigat u illi l-fond in kwistjoni kellu jitwaqqa' mis-socjeta' tal-konvenuti Salina Holdings Limited wara li johrog il-permess ta'

zvilupp relattiv li kellu jinkorpora wkoll l-arja okkupata mill-istess fond. Skond il-ftehim, it-twaqqiegh tal-fond kellu jsir mis-Salina Holdings Limited bi spiza iktar minima u mhux bl-ispiza esagerata li qed tintalab mill-Awtorita' attrici hekk kif iktar spjegat fl-istess kawza.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Agius li jahdem mad-Direct Action Team ta' l-Awtorita' attrici fejn jikkonferma li kienet harget Enforcement Notice fil-konfront tal-proprjeta' tal-konvenuti ghaliex kien hemm basement garage minghajr permess. Jikkonferma wkoll li l-proprjeta' hija tal-konvenuti on behalf of Salina Holdings Limited. Jidher li fl-applikazzjoni **7113/96** l-appell gie rtirat mill-applikant stess qabel ma ttiehdu l-passi tad-direct action u qabel ma harget l-Enforcement Notice. Joseph Agius ighid ukoll li fuq il-post il-personnel tal-Works Department damu xi sitt sighat sabiex titwaqqa' l-imsemmija struttura u jikkonferma li t-total tela' ghal Lm1,025.47c (elf u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha w erbghin centezmu).

Ra xhieda ohra ta' Joseph Agius fejn jikkonferma li l-Enforcement Notice harget "Mr Joe Tonna care of Salina Holdings" u "Mr Joe Fenech care of Salina Holdings". Ighid li la ghamel verifika ta' min huma l-propjetarji ta' l-art u lanqas kien prezenti meta sar diskors ma' l-Enforcement Officer. Jikkonferma li ghaddew iktar minn sena u ghaxar xhur bejn l-Enforcement Notice u d-direct action u din hija procedura normali minhabba d-dewmien tad-dipartimenti.

Ra x-xhieda ta' Paul Camilleri li huwa Enforcement Officer ma' l-Awtorita' attrici fejn jikkonferma li hareg l-Enforcement Notice fl-ismijiet personali tal-konvenuti. Jghid li l-konvenuti ma kienux qalulu li l-proprjeta' kienet tal-kumpanija Salina Holdings Limited.

Ra x-xhieda tal-konvenut Joseph Fenech fejn jikkonferma li l-konvenuti huma x-shareholders tas-socjeta' Salina Holdings Limited. Fenech ighid li ma kienux jafu li kien hemm Enforcement Order fuq din il-proprjeta' li xtraw. Ighid li ghandhom art vicin fejn din is-site li xtraw

minghand Pavia sabiex jinkorporawha mal-progett. Meta rcevew l-Enforcement Order kienu marru jaghmlu meeting ma' l-Awtorita' attrici fejn spjegaw li l-garaxx li fuqu hareg l-istess Enforcement Order kien mibni minn Pavia. Spjegaw li huma riedu jwaqqghu dan il-post sabiex ihaffru tahtu. Jghid ukoll li kienu cemplu lill-Perit Edwin Mintoff mill-ufficju ta' l-Awtorita' attrici u kien sar ftehim li jwaqqghu meta johrog il-permess tal-bini u ghalhekk l-Enforcement Order kellha tigi sospiza.

Joseph Fenech qal li l-permess kien baqa' pendenti u wara xi sentejn l-Awtorita' attrici bdiet twaqqa' l-proprjeta' bla ma rcevew avviz. Ighid ukoll li kieku waqqghu hu stess kienet tigih xi Lm200 (mitejn lira Maltin). Fenech kiteb ittra fejn ipprotesta kontra dan l-atteggjament imbaghad ircieva kont ta' Lm1,000 (elf lira Maltin). Fil-kontro-ezami jghid li m'ghamilx appell ta' l-Enforcement Notice ghaliex kienu ftiehmu ma' l-Awtorita' attrici. Jghid ukoll li kien hemm diga' permess ta' hotel fuq l-istess art f'isem Salina Holdings.

Ra x-xhieda ta' Joseph Agius datata 25 ta' Marzu, 2004 fejn ipprezenta kopja ta' l-applikazzjoni ffirmata minn Joe Tonna li saret on behalf of Salina Holdings. Ighid li l-kawza saret kontra l-konvenuti minhabba li Joe Tonna kien qallu li l-proprjeta' ma kienetx tas-socjeta' izda tieghu.

Ra x-xhieda ta' Joe Tonna fejn jikkonferma li l-art hija ta' Salina Holdings hekk kif muri fuq il-kuntratt esebit. Jikkonferma wkoll li qal Joseph Fenech. Ighid li l-Awtorita' attrici kienet informat lil Tonna li damu snin kbar iffitxu l-propjetarji ta' qabel il-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Li skond ix-xhieda tal-konvenuti u l-kuntratt esebit a fol 44 tal-process il-fond li twaqqa' mill-MEPA huwa proprjeta' tas-socjeta' Salina Holdings Limited.

Illi huwa veru li fl-applikazzjoni (a fol 46 tal-process) l-isem tal-applikant gie msemmi bhala "Joe Tonna obo Salina Holdings" u mhux "Salina Holdings Limited".

Kienet il-MEPA li kellha tipprova li hi kellha thallas l-ispejjez minhabba agir tal-konvenuti. Fil-fatt gie ppruvat li l-konvenuti personalment ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-art u l-bini llegali. Fil-fatt Joseph Agius xehed (a fol 17 tal-process) li l-proprjeta' hija ta' Salina Holdings Limited.

Illi mill-evidenza migbura minn dan it-Tribunal gie ppruvat li l-konvenuti m'humiex il-legittimi kontraditturi peress li x-xoghlijiet li twettqu mill-Awtorita' attrici saru fuq l-art li hija proprjeta' ta' Salina Holdings Limited u mhux tal-konvenuti.

Ghalhekk dan it-Tribunal jichad it-talba attrici u jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------